MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1619/2005

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Lucienne Attard**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija u hdax il-centezmu (Lm87.11) liema ammont huwa dovut rigward servizzi rezi mis-socjeta attrici b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif indikati f'l-Avviz.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikata b’l-avviz fis-16 ta’ Jannar 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ sebgha u tmenin lira Maltija u hdax il-centezmu (Lm87.11) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------